MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-16 ta' April, 2012

Rikors Numru. 393/2011

**A B:**
**vs**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta :

1. Illi l-partijiet kontendenti konjugi B kienu nghaqdu fiz-zwieg fil-presenza tal-wisq Reverendu Nikola B, fil-Parrocca San Gorg gewwa Hal Qormi nhar l-20 ta’ Novembru, 1982, jigifieri disgha u ghoxrin sena ilu (29) u mir-relazzjonijiet konjugali ta’ bejniethom kien hemm tliet itfal li tnejn minnhom illum huma maggorenni u gradwati u z-zghira ghandha hmistax-il sena u jisimha D B: ara l-anness Dokument CA 1.
2. Illi r-relazzjonijiet matrimonjali bejn il-konjugi B ddeterjoraw sostanzjalment u C B neé E l-Intimata, ossia martu effettivament telqet mid-Dar Matrimonjali fis-

Siggiewi nhar is-26 ta’ Lulju, 2008, jigifieri tliet snin u erba’ xhur ilu fejn minn dak il-jum ma kien hemm ebda kuntatt iehor bejn il-kontendenti konjugi B ghajr bl-intavolar tal-proceduri legali skond il-Ligi biex iwasslu ghal Firda Legali ta’ bejniethom.

3. Illi pero’ diga’ ghal sentejn qabel is-26 ta’ Lulju, 2008, u cioe’ l-jum li l-Intimata C B mart A telqet mid-Dar Matrimonjali gewwa s-Siggiewi, il-konjugi B qatghu kull forma ta’ kuntatt w obbligi matrimonjali bejniethom u ghalhekk dana jissodisfa l-vot tal-Ligi billi effettivament l-konjugi B ilhom iktar minn erba’ snin mifrudin minn xulxin, fizikament mis-26 ta’ Lulju, 2008 u sentejn qabel ma jikkomunikawx fid-Dar Matrimonjali fejn wara s-26 ta’ Lulju, 2008, l-Intimata C B E inizjat proceduri legali kontra zewgha r-Rikorrenti odjern liema proceduri permezz tar-Rikors Guramentat 227/09 gew formalment ceduti quddiem il-Qorti Kompetenti f’ udjenza appozita u dana wara li nhar il-21 t’ Ottubru, tas-sena 2011, il-partijiet hawn indikati konjugi B nfirdu legalment permezz ta’ Att Pubbliku in Atti Nutar Philip Said u b’ hekk effettivament mill-21 t’ Ottubru, tas-sena 2011, jigifieri ftit iktar minn xahar ilu l-konjugi B nfirdu legalment u rregolaw l-hajja matrimonjali taghhom permezz ta’ din il-Firda Legali a bazi tal-Kuntratt citat li kopja tieghu qeghda tigi hawn mehmuza w indikata bhala Dokument CA 2.

4. Illi a bazi tal-Kuntratt ta’ Separazzjoni tal-21 t’ Ottubru, tas-sena 2011, hawn mehmuz, il-konjugi B llikwidaw bejniethom il-Komunjoni ta’ l-Akkwisti, w anke aspetti ta’ manteniment kemm bejn il-partijiet konjugi B (u hawn issir referenza ghall-Artiklu 2 fit-tieni faccata tal-Kuntratt citat), kif ukoll il-manteniment tat-tifla minuri D B li llum ghandha hmistax-il sena u li dan il-manteniment huwa regolat b’ Artiklu 5 ukoll fit-tieni faccata tal-Kuntratt citat in Atti Nutar Philip Said tal-21 ta’ Ottubru, 2011.

5. Illi, ghaldaqstant, il-partijiet konjugi B jissodidsfaw il-voti kollha tal-Ligi u cioe’ l-emendi li saru fil-Kodici Civili Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta effettivi mill-1 t’ Ottubru, 2011 li jiggustifika li jsir dan ir-Rikors halli z-zwieg ta’ bejn il-konjugi B jkun jista’ jinhall u jinkiseb id-Divorzju bejniethom.

6. Illi mela mehmuz ma’ dan ir-Rikors li qed jigi kkonfermat bil-gurament hawn id-dokumenti CA 1 u CA 2

li huma c-Certifikati taz-Zwieg tal-konjugi B kif ukoll l-Att Pubbliku li a bazi tieghu huma rregolaw il-Firda Legali ta' bejniethom u b' hekk issodisfaw il-voti tal-Ligi biex ikunu jistghu jaghmlu t-talba ghax-xoljiment taz-zwieg taghhom permezz tal-procedura li twassal ghad-Divorzju.

7. Illi jerga' jigi ripetut ma hemm l-ebda manteniment dovut lill-ebda naha mill-konjugi B u l-manteniment tal-minuri ta' hmistax-il sena huwa regolat bl-istess Att Pubbliku citat u datat 21 ta' Ottubru, 2011: ara d-Dokument mehmuz Dok. CA 2.

8. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja r-referenza ghall-kontenut kollu ta' dan ir-Rikors odjern, prevja r-referenza ghac-Certifikat taz-Zwieg tal-konjugi B hawn mehmuz, prevja r-referenza ghall-Att Pubbliku datat 21 ta' Ottubru, 2011, in Atti Nutar Philip Said hawn ukoll mehmuz u ndikat bhala Dokument CA 2, prevja r-referenza ghal dana kollu li qieghed jigi wkoll ikkonfermat bil-gurament tar-Rikorrenti :

a. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet konjugi B li kien sehh fil-Parrocca ta' San Gorg gewwa Hal Qormi nhar l-20 ta' Novembru, ta' l-1982 u dana skond id-dettalji fid-dokument mehmuz u ndikat bhala Dok "CA 1";

b. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-Divorzju tal-partijiet konjugi B biex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta;

c. Li jinghataw dawk il-provvedimenti kollha opportuni nkluz direttivi li din il-wisq Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq w opportun fic-cirkustanzi tat-talbiet kif hawn fuq suesposti.

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Dicembru, 2011;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat illi l-intimata ma ipprezentatx risposta;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament u rat illi r-rikorrenti ikkonferma bil-gurament tieghu ir-rikors promotur;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rekwiziti mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul gew sodisfatti peress illi irrizulta illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-21 ta’ Ottubru 2011 u semghet lill-intimata tixhed illi ilha de facto separata minn ma zewgha sa minn Gunju 2007.

Il-Qorti rat illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda manteniment dovut lil hadd mill-partijiet u illi l-manteniment tal-minuri huwa regolat permezz ta’ l-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni legali u dejjem qieghed jithallas;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------